# IN-NAHLA

TA'

AGOSTINO LEVANZIN.

GAZZETTA TA' CULL GIMGHA BIEX TGHALLEM U TIDDEFENDI IL POPLU.

**Omne tulit punctum qui miscuit utile dulci.**

*Giebha żeŭġ dac li għaraf ħallat il ħelu ma'l meħtieġ.*

**61.** **30 ta' OTTUBRU 1909.** **IT-TIENI SENA**



FTEHIM.

**Ħadd ma jista jissieħeb għal ankas minn sena; u jecc ma jgħarrafx lili, b'il mictub, għallankas ħmistax kabel, li ma fi ħsiebux ijġedded, ingħoddu bħalha 'msieħeb għa's-sena ta' ŭara. Il ħlas, b'il kuddiem, hu: għal ta'l Belt, ta'l Furjana u ta' Ta's-Sliema ħames xelini f'is-sena u jista jsir b'is-sitt xhur jeŭ b'it-tliet xhur; l-oħrajn ijħallsu, barra minn dan, il posta ucoll. Cull min jissieħeb issa jieħu l-eŭŭel sena b'xejn; min ijsieħbu jieħu "Maħbub ta' Gesù" b'xejn. In-"Naħla" u il "Maħbub ta' Gesù" jinbigħu għand il Fotografu VELLA u għand is-Sur ĠANNI CRITIEN, it-tnejn fi Strada Rjali ta'l Belt, fejn jista jsir il ħlas ta'l gazzetta ucoll. L-ittri għandhom jinbagħtu collha f'Ta's-Sliema, 12, Str: S. Vincenzo.**


# IL CLERU MALTI.

Ŭaħda m'il gazzetti tagħna, b'it-taljan, da'l ġranet, ħaditha contra il Cleru Malti għaliex kalet li ħabrec u indaħal ŭisk fl-aħħar elezzjonijiet.

Għala le?

L-eŭŭel nett il membri ta'l Cleru huma cittadini bħalna, u għalhecc billi dac collu li jagħmel gid jeŭ deni lilna jmiss ucoll lilhom, jidhirli li għandhom id-dritt collu li jħabircu biex il gid jirnexxi u biex id-deni ma jisfax lilna u lil pajjis.

Jecc f'Malta jiġu it-taxxi jeŭ ijsiru ligijiet ħarxa il kassisin u il patrijiet ijħallsu il-laħam bħalna; għala mela ma għandhomx ijħabircu biex jitilgħu daŭc il Cunsilieri li scond il fehma tagħhom ma jinbiegħux malajr ma'l Gvern?

It-tieni hu dmir ta's-sacerdoti li jgħallmu u jiddefendu lil poplu; u għalhecc meta daŭna jaraŭ li xi għedeŭŭa tiegħu u ta'l pajjis kiegħdin ijdaħħluh fl-ixcora billi juruh ħaġa b'oħra, huma għandhom jakbżu u m'hux jisctu u għandhom b'il chelma ta's-seŭŭa tagħhom ijfixclu il kerk u il għaŭi ta' min ijcun ijrid jinkeda b'il poplu għal finijiet personali tiegħu.

Iżjed. Hu dmir ta's-sacerdoti li jħarsu u jiddefendu ir-Reliġjon m'il attacchi ta'l għedeŭua u jecc ma jagħmlux hecc ijcunu jonksu b'is-sħiħ.

Sejjrin ingħiduh issa biex ma jgħidux li ridna ingħiduh kabel l-elezzjoni biex infixclu. F'il programm ta'l hecc imsejjħin Liberali chien hemm cliem li għal min jifhmu tajjeb ma hux ħaġ'oħra ħlief l-actar attacc kalil contra ir-Reliġjon Nisranija. Ħadd ma jista jiċħad li f'dac il programm min iffirmah sostna ir-RAZZJONALISMU, igifieri li ir-raġuni biss għandha dejjem tittrionfa fuk collox, bla tfixchil ta' xejn u ta' ħadd; u cull min jaf tasseŭ x'inhu RAZZJONALISMU jifhem ċar li fejn jidħol hu ijcheċċi il barra lil FIDI, l'id-DOGMA u l'it-TRADIZZJONI, li huma it-tlieta il bażi tr'r-Reliġjon tagħna Nisranija. Is-sacerdoti jafu ucoll li dac il cliem li chien hemm f'il programm ta'l Liberali hu actarx meħud minn manifest ta' Nathan, li hu il Cap ta'l Massonerija Taljana collha u ŭieħed m'il actar għedeŭŭa feroci ta'l Cnisja.

Għaldakshecc meta il Cleru ra li daŭna il-Liberali b'il programm tagħhom chienu ħiergin biex jiccumbattu il-fidi nisranija, ma nafx għala ma chellhomx jakbżu biex ijfixcluhom ħalli ma jitilgħux huma f'il Cunsill; anzi naħseb li m'hux talli chien dmir ta'l Liberali li jistkarru li ma chellhomx dic il fehma ħażina (ħaġa li ma għamlux), iżda li cull malti li għandu kalbu marbuta ma'r-Reliġjon tiegħu ma jatihomx vot u jfixchel biex ħaddieħor ma jivvotax għalihom ħalli ma ticberx dic iż-żerrigħa li xi ħadd gieb miegħu minn Ruma.

Il Cleru Malti dejjem chien patriotta u dejjem ippresenta sidru l-eŭŭel ŭieħed f'it-taktigħat ta'l pajjis. B'iż-żejjed li ta lil Mannarinu u lil Dun Michiel Xerri biex jista jżejjen l-istorja tiegħu bl-isbaħ faċċati. Chif sata il Cleru jiscot issa, f'mument li fih chienet imdendla il ħajja jeŭ il meŭt ta'l pajjis, u ma jitniffes xejn għaliex li xi ħadd għagħirxu dahru li b'il fors ijrid jokgħod fuk is-siġġu ta'l bellus?

Le, il Cleru Malti meta ħabrec biex ma jitilgħux f'il Cunsill il Liberali m'hux biss keda id-dmir tiegħu ta' sacerdoti li huma billi iccumbatteŭ l'ir-razzjonalisti, iżda keda ucoll dmir patriotticu billi ma ħalliex jittrionfaŭ l-għedeŭŭa ta'l poplu għal fehmiet ta' rashom u għal personalità privati u baxxi ta' xi uħud minnhom. U jecc xi membri ta'l Cleru ma għamlux hecc m'hux biss dinbu contra pajjishom iżda ucoll lejn dic ir-Reliġjon li huma membri tagħha u li hu dmir tagħhom jiddefendu u l-actar contra ir-RAZZJONALISMU li hu is-susa kerrieda ta't-tŭemmin nisrani.

Mela il Cleru Malti f'loc min ijċanfru ħakku min ijfaħħru talli għaraf keda dmiru u għin lil poplu biex ħareġ rebbieħ.

Għaldakshecc għoġobni ħafna l-articolu li deher ftit ilu f'is-*Salib*, iffirmat G. Borg, fejn ùera x'tort cbir għamlilna il Gvern Ingliż meta neħħielna il Kassisin m'il Cunsill għaliex it-tort sar lilna ucoll billi ùarrbilna ir-Rappresentanti ta'r-Reliġjon tagħna. Dina il biċċa hemm bżonn li nieħdu ħsiebha seùùa u li niċħabtu ucoll biex il Cleru jarġa jidħol f'il Cunsill.

Dana ma inhiex ingħidu biex nagħmilha ta' bigotta jeù biex nincensa il kassisin, iżda biss għaliex inħoss id-dmir li niccumbatti dic il moda li dieħla ġmielha f'il pajjis li biex tcun politicu gùapp hemm bżonn li tati b'ir-ras contra il Blata ta' S. Pietru jeù tisbel contra il kassisin li barra m'il libsa li għandhom fukhom huma cittadini bħalna u għandhom jistgħallu l-istess drittijiet tagħna u ll aħna meta naraùhom imcasbra għandna nakbżu għalihom għaliex huma ħutna bħala cittadini u ir-rappresentanti ta't-tiemmin tagħna u ta' missierijietna u għalhecc min jagħmel tort lilhom ijcun għamlu l-ilna f'ħaġa l-actar għażiża.

Mela aħna la irridu *razzjonalismu* f'il programmi elettorali u lankas attacchi lil Cleru galantom tagħna fl-istampa maltija.

# FERRER.

Fl-aħħar numru ta'n-« Naħla » ùiegħidt li għandi narġa nitħaddet fuk il meùt ta' Ferrer li kanklet id-dinja collha ta' taħt fuk; u biex incompli chelmti sejjer inżid xi ħaġ'oħra u l-actar biex inġarraf dac l-innu ta' min ijmakdru li gazzetta maltija għamlet lil dana il bniedem li ma jistħokklux ħlief it-tmakdir ta' cull minn hu onest u nisrani.

F'lulju li għadda ir-rivoluzzjonarji ta' Barcellona ħarku TMIENJA u SITTIN cnisja u cunventi, katlu sacerdoti bla ħtija, meddeù idejhom fuk sorijiet li chienu migbura jitolbu u ùara li tebbgħuhom, kattgħuhom bcejjeċ, ħarġu jcantaù b'dirgħajhom u bi rjushom f'it-torok. Dana għamluh spanjoli, daùc l-istess spanjoli li illum, ċara process, iffucilaù lil Ferrer bla ma ħarkulu daru, bla ma kattgħuh bcejjeċ u ġreù bihom f'it-torok. Għala daùc li iffucillaù lil Ferrer, (li chellu sehem f'ir-rivoluzzjoni, u li jecc ma ħax sehem materjali hu chien li b'it-tagħlim ħażin tiegħu żara iż-żerrigħa ta' dica it-tixxixa infami), huma scond il gazzetti ta'l-lum ASSASSINI, u ma għajjrux ASSASSINI lil daùc li ħarku il cunventi u li immassagraù is-sorijiet? Forsi ix-xeùùiexa ma ùreùx ħruxija cbira ùisk actar m'il fucillazzjoni ta' Ferrer? Hemm min ijrid ijgħid li ix-xeùùiexa ħarku il cunventi u tertku is-sorijiet għaliex il Giżùiti jaħmu u jaħdmu contra tagħhom. Tajba din! L-eùùelnett ma daùc il Geżùiti li jaħdmu contra tagħhom ma għandhomx jeħlu is-sorijiet, in-nisa li ma jistgħux u ma jifilħux jiddefendu irùieħhom; u f'it-tieni loc jecc dan Ferrer ùakkaf scola biex ijħassar l'iż-żgħażaħ b'it-tagħlim karrieki tiegħu, scola li b'il mod kiegħda tberren contra ir-Reliġjon, għala il patrijiet ma chellhomx jakdu dmirhom billi jictbu u jaħdmu contra tiegħu? Iżda il patrijiet ma sparaùx bombi, ma ħarkux djar, ma biċċrux nies, biss iccumbatteù b'il pinna u b'il fomm għal daùc l-idei li jidhrilhom li għalihom huma seùùa; forsi il *liberi pensatori* ta'l-lum ma jridux ijħallulhom lankas dina il-*libertà di pensiero?* Ma dan collu għadu ħadd ma gieb l-ebda prova li f'il meùt ta' Ferrer ħmeu jeù chellhom sehem il patrijiet; anzi cullħadd jaf li saħansitra il Papa tkankal biex talab l'is-Sultan Alfonsu biex jibdel il pena ta'l meùt lil Ferrer. Eccu il Papa li jitlob maħfra għal min ħalak scola biex ijġarraf it-tagħlim nisrani; u ix-xeùùiexa li jimmassagraù sorijiet innocenti u jaħirku cunventi storici għaliex, kalu huma, xi ħadd m'il patrijiet iddefenda, bħal ma jrid dmiru, ir-Reliġjon li hu membru tagħha.

F'Barcellona hemm il-ligi marzjali, igifieri li cull min jieħu sehem f'ir-rivoluzzjoni jiffucillaùh; dana Ferrer. scond il fehma ta'l imħallfin unanimi tiegħu, sabuh ħati f'dac it-tixùix li xerred demm u kered ħùejjeġ in-nies. Għala mela dana Ferrer ma chellux jieħu dic il pena, li tajjba jeù ħażina, hi iżda scond il-ligi. Chif sata jsirlu process civili meta iccommetta id-delitt taħt ligi marzjali?

Kalu li is-sentenza tiegħu m'hux seùùa. Frattant l-imħallfin collha, b'fehma ùaħda, ùara li semgħu dac collu li ried ijgħid Ferrer permezz ta'd-difensur tiegħu, iccundannaùh għal meùt u chienu jafu x'sejjrin jerfgħu fuk spallejhom. Is-sentenza fleùha u iffirmaùha il Membri ta'l Cunsill Superjuri u ma sabu xejn contra tagħha. Chif nistgħu insibu aħna meta għadna ma krajnihiex?

Kamu ma'l Eùropa collha is-soċjalisti, l-anarchici, ir-rivoluzzjonarji collha u bl-insulti, b'is-sùat lil kassisin. b'il bombi li joktlu lil l-innocenti riedu jieħdu raġun contra il fucillazzjoni ta' Ferrer. Xi ġmiel ta' esempju ta' civiltà u ta' progress taùna! Tasseù ta' min jissimpatizza magħhom, daùna in-nies li jridu iseùùu id-dinja! Jecc il patrijiet spanjoli chellhom sehem f'il meùt ta' Ferrer, chif riedu jgħidu l-egdeùùa tagħhom, x'għandhom x'jaksmu il patrijiet ta' pajjisi oħra?

Min dana nistgħu nifhmu li dina it-tixùixa collha ma kankluhiex ħlief il mażuni, l-anarchici, is-soċjalisti u daùc collha li jaħsbu bħalhom biex ijxerrdu il marrara tagħhom contra il Cnisja u contra Spanja li hi nazzjon nisranija. U għalxejn ħambku biex ixeùùxu il Gvernijiet l-oħra contra il Gvern ta' Spanja għaliex daùna il Gvernijiet ma għandhom l-ebda dritt li jindaħlu f'dac li jagħmlu f'darhom l-Ispanjoli sa chemm ma ijcunx ijmiss l'is-sudditi ta' daùna il Gvernijiet.

Krajt li da'l ġranet ùieħed katel b'revolver lil l-imħallef li kara is-sentenza ta' Ferrer stess; igifieri lil dac li ma għamilx ħaġa oħra ħlief keda dmiru scond il-ligi. U daùna ma humiex assassinji coroħ għaliex jagħmluhom l-anarchici; l-assassinji coroħ li jkanklu ħuġġieġa l-Europa u il Parlamenti huma daùc li jsiru scond il-ligi bħal ma sar il process ta' Ferrer. U dana jsejjħulu civiltà u progress u jsibu certa stampa li tippretendi li hi onesta u nisrannija li tissimpatizza ma daùna il carfa. L-eùùel il programm razzjonalista ta'l Liberali, issa id-dinja sħuna, sħuna ta' Ferrer f'ùaħda m'il gazzetti tagħna maltin.

# FRAC.

Giet f'idejja ġabra ta' cartolini ta'l arazzi ta' San Ġùann meħudin minn fuk fotografiji sbiħ tasseù li gibed l-intelligenti fotografu Vella, ta' Strada Rjali, ta'l Belt. Billi daùna l-arazzi huma ùaħda m'il isbaħ ħùejjeġ li għandna f'Malta u billi haùn minn ijrid igħid li huma l-isbaħ arazzi ta'-dinja u billi il cartolini irnexxeù ùisk nitma li jcollu bejgħ cbir minnhom. Għarrfuni li kiegħed jiġbed il fotografiji ta's-sakaf ta' S. Ġùann ucoll; ta'l monumenti ilhom lesti u jinbigħu għand Critien u Bonello ta' Sda. Rjali.

# IT-TOBBA MALTIN.

## Il Prof: S. PISANI C.M.G.

Nhar l-Erbgħa li għaddeŭ, is-27 ta' Ottubru, għalak sena li miet il għaref tabib Pisani, ŭieħed m'il aħjar li katt chellna u li ismu ma għandux jintesa minn fostna chif gieb u laħak. Għaldakstant jiena illum ridt bħala bniedem li jagħmel gieħ lil Malta, bħala ħabib għażiż tiegħi li dejjem ħabbni u saħansitra f'it-testment tiegħu ftacar fija, bħala xhud f'it-tiegħ tiegħi u bħala ŭieħed li jigi f'il krib m'n-uliedi niftacar fih u ninsiġlu dana il ftit cliem ta' tifħir.

Il Professur Pisani tŭieled il Birgu, f'dar b'il parapett li tagħmel cantuniera bejn Strada Santa Scolastica u Strada Miratore, f'is-27 ta' Mejju 1828. Mela il Prof: Pisani chien ŭieħed minn daŭc li jgħidulhom ta'n-*Naħħa l-Oħra*, u m'hux ŭaħdu għaliex il Birgu biss tana nies cbar li isimhom ma jmut katt m'il Istorja tagħna. Hemm tŭieldu il Patri Bjaġju de Opertiis, imfaħħar għal kdusitu u li iffonda ma' San Camillu De Lellis l-Ordni li jgib l-isem ta' dana il kaddis, u il għaref archeologu Bosio li Rossi sejjaħlu «*il Cristoforo Colombo della Roma Sotterranea.*» Min hemm ħarġu ucoll il musici Burlon u il Canonicu Lŭigi Fenech; il Cav: Napuljun Tagliaferro; il Prof: Onor: Enricu Magro, Rettur ta'l Università; l-Inginjier Onor: Lorenzu Gatt C.M.G; l-Onor: Ciccu Azzopardi P.L. u ħafna nies oħra intelligenti li imxeŭ ħafna il kuddiem.

Missier il Prof: Pisani, Lŭigi, chien tabib tajjeb ħafna ucoll għa'ż-żmien li għix fih u chien ŭieħed m'il fundaturi ta'l Accademja Maltija, u il monument li għandu f'il Mall, b'ir-ritratt tiegħu, chif nidħlu, jfaccarna fih u f'il kalb ħanina li dejjem chellu m'al morda.

Id-*Daily Malta Chronicle*, ta'l-30 ta' Ottubru 1908, ijgħid li actarx hu imnissel minn familja nobli taljana u jgħarrafna ucoll li sa seba ircippijiet il fuk il Prof: Pisani hu imnissel dejjem minn tobba. Nannuh miet f'il pesta ta'l 1814, u missieru, li chien Cap ta'l Isptar l-eŭŭel f'Għaŭdex u imbagħad f'Malta, miet xi' erbgħin sena ilu, u «*is still remembered with love and affection.*»

Ommu chienet is-Sinjura Concetta Inglott minn Bormla, bint il Captan ta'l Port Feliċ, li chien ragel maħbub ħafna m'il Gvern billi kdieh b'ir-rekka collha għal ħafna snin, oħt it-Tabib Paŭlu Inglott u zija ta't-Tabib Ġann Feliċ, li għalhecc jigi ulied-l-aħŭa ma'l Professur Pisani. Ulied l-aħŭa ucoll jiġu nieghu is-Sinjura Ġannina, mart il Prof: Manchè u li chienet miżżeŭġa kabel ma'l Prof: Engerer, missier il Maġġur Enricu, id-Deputat ta'l Posta; Salvu Stivala, il Captan ta' ħila li sa ftit ilu chien Assistent Supraintendent ta'l Port; Ġann Feliċ Stivala li kiegħed Prim-Segretarju ta'l Ammiraljat f'Bermuda u ħutu l-oħra; il Cav: G. E. Inglott, il Can: Teologu Dun Manŭel Inglott, li inkered kasir il għomor u li chien bniedem bravu u li chien jicteb tajjeb b'it-taljan; il Capt: G. Feliċ Inglott ta'd-Dŭana u ħafna oħrajn li ħadd ma jista jiċħdilhom li ma humiex collha nies intelligenti. U l-intelligenza f'il familja Inglott hi gejja m'il bogħod; ŭisk kabel m'il Patri Dumnican Ġlormu Inglott li chien tant imfaħħar għal għerfu u il Papa bagħat għalih chemm il darba f'Ruma biex jipprietcalu f'il Vatican u li ŭara laħak Rettur ta'l Università tagħna; u minn Ferdinandu Inglott li cullħadd għadu jiftacar chemm chien ijgħożżu il Gvern billi irriformalu id-Dŭana u il Posta u billi chien jaf tajjeb l-ingliż u jifhem ħafna fl-antichitajjiet ta' Malta. Omm il Cav: Napuljun Tagliaferro hi Inglott, u naħseb li gibed xi ftit minnha, bħal ma hi is-Sinjura ta' Sir Richard Micallef, li hi mara intelligenti ħafna.

Inglottijiet fl-Egittu imxeŭ ħafna, u ħadu l-isbaħ postijiet u ŭieħed minnhom laħak sa Baxa, u Ruġġieru illum, ŭara li iccumbatta u baka ferut f'il gŭerra contra ir-Russi bħala fizzjal volontarju ma'l Ġappuniżi, kiegħed bħala Professur ta'l Lingŭa Ingliża f'Tokjo, miżżeŭŭeġ ma' ġappuniża ta' familja m'il aħjar ta' hemm.

Dana għidtu biss biex nuri li tant minn naħħa ta' missier Pisani chemm ucoll minn naħħa t'ommu l-intelligenza ma hix nieksa u li għalhecc m'hu xejn ta'l għageb jecc minn daŭna is-siġar ħarget fergħa setgħana bħal ma chien il Professur Pisani li id-*Daily Malta Chronicle* sejjaħlu «*one of Malta's best and most distinguished sons; he was not only the doyen of the medical profession in Malta, he was also the acknowledged leading doctor of the Island*» u Sir James Y. Simpson, il għaref tabib ingliż «*of chloroform fame*» kal «*That he was an honour to his country and that Malta might well be proud of being the birthplace of Salvatore Pisani.*»

Il Prof: Pisani chien tifel ŭaħdu u għalhecc trabba b'għożża li ma bħalha. L-eŭŭel studju għamlu f'il Liceo u fl-Università tagħna u f'il-latin, li chien jaf tajjeb ħafna, għinu palata seŭŭa il Canoncu Dun Dovic Mifsud-Tommasi, ta' Bizzju, minn Bormla, li chien ŭieħed m'il aħjar latinisti li chellna u chittieb tajjeb b'il malti. Il Prof: Pisani ħa il-laŭrja fl-1850, l-istess sena li fiha giebu lil missieru minn Supraintendent ta'l Isptar ta' Għaŭdex għal dac ta' Malta. Billi f'il cors chien għamel figura sabiħa ħafna u chien jistudja ŭisk, cullħadd kaŭŭa kalb it-Tabib Lŭigi biex jibgħat l-ibnu Barra ħalli jitħarreġ ftit aħjar fl'Universitajjiet u l-Isptarijiet ta' hemm, u dana hecc għamel billi bagħtu fl-Università ta' Edinburgu, fl-Iscożja, fejn chien hemm ħafna Professuri gŭappi u fejn baka jistudja chemm jiflaħ għal tliet snin sħaħ taħt il il famusi Symes, Simpson u Christison sa chemm għadda m'il eżamijiet bl-unuri collha, ħa il midalja ta'd-deheb, u l-M. D. ta' Edinburgu li ma tantx tittieħed addoċċ. Meta mar f'il Germanja (billi chien jaf tajjeb b'it-tedesc) għamel ħabib seŭŭa ma'l għaref Professur Pettenkoffer u dana ħabbu bħal ibnu u għal ftit ma żeŭŭgux lil bintu, xbejba ħelŭa ħafna li ŭrieni ir-ritratt tagħha, isfar u mitfi, il Prof: Pisani stess kabel ma miet u li baka jgħożżu ħafna fuk iċ-ċumnija fejn rasu. Fl-Italja chien magħdud bħala ŭieħed m'il aħjar tobba ta'd-dinja, u l-actar għal ħila tiegħu f'il chirurgija. Darba fl-Universitá tagħna għamel discors contra id-Darwinismu li fih ŭera chemm chien jaf tajjeb l-Anatomija u kala fl-Aula Concilii it-tifħir ta'l għaref Prof: Dun Salv: Cumbo u ta'l Prof: Chetcuti li x'ħin għafaslu idu kallu: «*voi siete l'onore della scienza medica maltese.*» Dana id-discors gie mibgħut Ruma m'it-Tabib Ġannfeliċ Inglott u il Prof: Tancioni meta krah chitiblu: «*io non conosco personalmente questo insigne professore di Malta, ma posso dire che egli conosce la struttura anatomica del corpo umano in modo da destare la meraviglia di tutti i cultori dell' Anatomia Umana.*»

Meta gie Malta minn Edinburgu sejjħulu biex ijservi f'il Military Medical Department, billi chien jaf tajjeb ħafna l-ingliż ucoll, u taħ il ħsieb ta' riġment li chien kiegħed f'Pembroke Camp. Beda jservi ucoll lil pubblicu u ŭera tant ħila li f'kasir żmien m'hux biss sar l-akŭa tabib ta' Malta iżda ucoll li il biċċa il cbira ta't-tobba ta' Malta meta chienu jsibu rŭieħhom f'xi ħaġa imgħerfxa chienu jmorru għandu biex jatihom ftit daŭl fukha. Laħak Professur ta'l Anatomija u ta'l Istologija fl-Università tagħna floc il Prof: Gallant, fl-1858, u ŭara sar Professur ta'l Ostetriċja, fl-1859, billi chellu fama cbira f'dina ilħaġa u billi chemm il darba chien ŭera ħiltu f'ħafna operazzjonijiet cbar.

Hu chien ucoll li ħeġġeġ f'Malta l-isiudju ta' Oculistica u li ħajjar lil Professur Manchè biex mar Parigi ħalli tgħallem seŭŭa, taħt l-aħjar Professuri, din ix-xjenza sabiħa.

Fl-1854 ħraxet il gŭerra ta'l Crimea; il Gvern tagħna bagħtu bħala Tabib fi Scutari biex jiekaf ma's-suldati ingliżi feruti; u hemm għaġġeb lil cullħadd b'il ħila tiegħu f'il chirurgija billi għamel ħafna operazzjonijiet sbiħ. Miss Florence Nightingale, li chienet il Cap ta'l Isptar Militari ta' Balaclava bagħtet ittra lil Gvernatur tagħna Sir. W. Reid biex fiha faħħret ħafna il ħila cbira ta'l Professur Pisani. Fost il ħŭejjeġ l-oħra din il mara kalbiena li chienet l-eŭŭel ŭaħda li ħolkot in-*nurses* ta'l isptarijiet, f'din l-ittra ta's-26 ta' Mejju 18 6 chitbet: « *I had an opportunity to witness his skill when serving under him and I have always heard Dr: Pisani's immediate Medical Superiors at Scutari speak most highly of his services, both as to skill and attention, in treating the cases entrusted to his charge, when he accompanied Dr: French to Scutari in October 1854.* »




Meta raġa gie f'Malta il clientela tiegħu faret iżjed u issa m'hux biss fost il maltin, m'il actar fkar sa'l actar għonja, iżda fost l-aħjar familji ingliżi ucoll b'il Gvernatur u il familja tiegħu b'collox, billi dac iż-żmien hu biss chien li chellu il grad ta' tabib minn Università ingliża, u chien maħbub minn cullħadd.

Meta miet il Prof: Engerer, fl-1867, laħak Professur ta'l Chirurgija u Chirurgu-Principal ta'l Isptar; u il ħafna operazzjonijiet cbar li għamel saħansitra kuddiem l-aħjar tobba ta'l armata ingliżi xerrdulu ismu m'hux biss ma' Malta coilha iżda Barra ucoll. F'il *Herald* ta'd-29 ta' Ottubru 1908 krajt li it-tobba ingliżi tant ta'l art chemm ucoll ta'l baħar cull meta chien jagħmel fl-Isptar xi operazzjoni hu « *made it a point to attend,* » (chienu jfittxu li ma jonksux.

Il Prof: Pisani chien membru ta'r Royal College of Surgeons u tgħallem ħafna chirurgija fl-Isptarijiet ta' Londra, ta' Parigi, ta' Berlin, ta' Monacu, ta' Vienna u ta'l Italja fejn mar biex jistudja dejjem l-aħħar progressi ta'x-xjenza. Il Gvern Militari għamel chemm sata biex jiġbru miegħu iżda hu ma ried jingaġġa katt.

Il Gvern billi ried fl-1888 ijŭakkaf Dipartiment ta' Sanità suret-in-nies sejjaħ lilu u indaħal; u biex ijcun jista jakdi seŭŭa dmiru m'hux biss mar f'il Germanja, f'Monacu, biex ħarġu ftit f'd'ix-xjenza il għaref Professur Pettenkoffer li semmejna, iżda telak ucoll il clientela privata. F'il Corla ta'l 1887 ŭera chemm chienu cbar ħiltu u il ħniena ta' kalbu u ir-rapport li ressak ŭara lil Gvernatur kala it-tifħir ta'l aħjar tobba ingliżi. Il Dr: Harkin, tabib ta'l Isptar « Mater Infirmorum » ta' Belfast chiteb l'it-Tabib Inglott: « il Prof: Pisani hu ŭieħed m'il egħref nies li għandcom f'il Medicina u nifraħ lilec u lilu. Krajt ir-rapport tiegħu u nista ingħidlec li hu « opra gŭappa ta' xjenza u ta' esperienza. » Ir-Regina Vittorja, meta għarrfuha b'il ħila tiegħu, ħatritu bħala « Companion of the most distinguished Order of St: Michael and St: George, » unur li ma chien intgħata katt kabel lil l-ebda tabib ieħor malti.

Iżda billi chien chiber seŭŭa u xtak jistrieħ chif chien ħakku ŭara ħafna taħbit u studju, irtira fl-1902 m'is-servizz u mar ijkatta il tdal ta' ħajjtu għal qŭiet f'il villa sabiħa «*Sans Souci*» li chien bena il Marnisi, ftit bogħod minn Marsaxlocc fejn baka sa miet f'is-27 ta' Ottubru 1908. Meta irtira m'is-servizz il Gvernatur Sir Grenfell bagħatlu ittra sabiħa fejn fiha faħħru ŭisk u fejn kallu « *that he had adorned every post he had occupied.* »

Dac li chiteb xi ħaġa fuk ħajjtu f'il « *Gazzetta di Malta* » ta'l 31 ta' Ottubru 1908 spiċċa l-articolu tiegħu hecc: « *Vi sarebbero altri dettagli da aggiungere a questa storia così edificante del nostro defunto concittadino, ma lo spazio di questo giornale ci obbliga di finire. Così il Prof: Pisani co'suoi talenti, colle sue beneficenze: merita che il suo nome non sarà dimenicato da'maltesi perchè ad onta dei suoi grandi meriti, il Prof: Pisani visse umile e modesto, non ha mai cercato gli onori nè la celebrità, ma solo ebbe la più lodevole ambizione di rendersi utile alla società ed alla patria; e fino alla più tarda età, fino all'ultimo giorno della sua vecchiaja continuò a spandere a' suoi numerosi alunni le vaste cognizioni della sua scienza e della sua lunga esperienza. L-ultimo saluto che la cittadinanza maltese ha dato al Prof: Pisani mostra quanto era stimato. I suoi funerali sono stati imponenti.* »

Chien jaf bl-ingliż, b'it-tedesc u b'il franciż tajjeb barra m'it-taljan u il-latin; u id-*Daily Malta Chronicle,* ta't-30 ta' Ottubru 1908 żied fuku, ma' dac li ġa għidna, dan:— «*Dr: S.L. Pisani never married. He is the last of his race, which he sometimes spoke of with regret. He was a great student and kept himself abreast with the progress of science in general and medical science in particular till a few years ago when his health began to decline. Latterly he suffered from loss of memory—the only thing of which he complained. But*

*to the last he mantained he was well. He said that he suffered no pain and was quite comfortable. Then the end came and the beloved physician passed peacefully away.*

«*His tastes were very simple. His chief recreation was in his garden among the flowers. As a hobby he collected Malta coins. We believe his collection of Malta coins is the best extant. By a deed of gift he has made it over to the Malta Government. It is to be placed in the Museum under the charge of Prof: T. Zammit. This will help to keep his memory alive among us but some of us will still feel that we have lost a friend and a truly good friend. Those who knew him best will agree with what Sir James Y. Simpson, of chloroform fame, said of him more than half a century ago.* »

M'id-*Daily Malta Chronicle* ta't-28 ta' Ottubru 1908 nisġbru ucoll: « *As Chief Government Medical Officer no one could have filled that all important position with greater credit to himself, or greater advantage to the public, than the deceased gentleman. His natural talents were great and they had been cultivated with assiduity and strengthened with experience. Dr: Pisani's merits were known and recognized beyond the limits of this Island, in which we all felt pride in his ability.* »

Il funeral li sarlu chien xi ħaġa sabiħa billi ħadu sehem fih l-aħjar nies ta'l Gżira. Il faldrappa żammeŭha: l-Imħallef Pullicino, l-Onor: G. Caruana-Scicluna, Tabib Principali ta's-Sanità; l-Onor: Prof: E. Magro, Rettur ta'l Università, ir-Reverendu Ingliż Dr: George Wisely, li chien ilu ħabib għażiż tiegħu għal ħamsin sena, il Prof: ta'l Chirurgija, Salv: Cassar u Sir Riccardu Micallef, Controllur. It-Tabib Inglott, karibu, żamm, fuk imħadda ta'l bellus, is-simboli ta'l Ordni ta' San Michiel u San Ġorġ. Barra minn daŭna imxeŭ ŭara it-tebut bħala nies-ta'l-familja il Curuneli-Professur Manchè u il Maġġur E. W. Engerer. K. O. M. M. u it-tabib tiegħu E. Cannataci. Billi is-Segretarju ta'l Gvern ma satax ijmur bagħat f'locu l'is-Sur G. Borg Cardona. Ŭarajh chien hemm il fjur ta'l aħjar nies ta' Malta.

Is-Segrétarju Mereweather bagħat l-agħda ta'l meŭt din l-ittra lil Curunell Manchè:—

Nu 3650.

Lieut: Governor's Office.
Malta, 28th. October 1908.

Sir,

I am directed by the Governor to inform you that His Excellency has learned with deep regret of the death of S. L. Pisani C. M. G; M. D., late Chief Government Medical Officer who retired from the Government Service only a few years ago, after having served his country with great ability and distinction for a period extending over forty-two years.

2. I am to offer to you and the other relatives of the deceased gentleman, the sincere simpathy of the Government with you in yuor sad loss.

I have the honour to be,
Sir,
Your Obedient Servant
E. P. S. Roupell
*Acting Lieut Gov: and Chief Sec: to Govmt.*

Colonel L. Manchè
&c. &c. &c.

Gie midfun f'iċ-Cimiterju ta'l Addollorata fejn nitma li għad jituakkaf monument b'tifchira għażiża tiegħu. Nixtieku ucoll, u dina hi xeŭka żgħira ħafna, li jindaħal xi ħadd m'il Birgu, u dal'l mument kiegħed niftacar f'il ħabriechi patriotta Alf: Lucchese P. L. biex jiġbor m'il Birgu somma żgħira ta' flus biex ŭieħed biha jagħmel irħama, b'chitba li tfaccar f'il għerf ta'l Prof: Pisani, biex titŭaħħal ma'l ħajt ta'd-dar fejn tŭieled u li semmejt kabel. Nitma li in-nies ta'l Birgu ma jonksux jatu dan il għeħ lil min chiseb tant għeħ lil belt tagħhom.

Ta'l Prof: Pisani hemm ritratt ta'l bronż f'il Biblioteca Pubblica.

A. Levanzin

# IS-SAĦĦAR FALZUN.

(*Jissocta minn numru ta' kabel.*)

## VI.

## F'GĦORFET IT-TORCA.

Ħamid meta raġa sab ruħu ŭaħdu, magħluk f'il caless, f'dic il ħemda u f'dac id-dlamm collu, ma' Carmena, ŭara li chienet ħallietu jbusilha idha bi ħrara hecc cbira, ŭara li mellsitlu xagħru b'dic il ħleŭŭa collha u kaltlu biex ijsejjħilha b'isimha għaliex chien l-egħżeż ħabib li bakgħilha; ŭara li f'il cnisja ħaddanha miegħu u f'it-telfa li chienet dirgħajha, għad li ma chienitx taf x'inhi tagħmel, daru ŭieħidhom ma' għonku u id-dmugħ tagħha tħallat ma' tiegħu—ħass l-imħabba lejha tfur bħal mungbell minn xtar għajnejh u xtak li jinxteħet għarcoptejh f'riġlejha u jfehimha liema ħuġġieġa kalila chienet chibset f'sidru għaliha, u chif chien jixtiek jarmi b'ferħa ħajjtu għal beŭsa ŭaħda biss ta' daŭc ix-xuftejn li, bla ma jismagħhom, chienu actarx kiegħdin ijlissnu l-isem ta' dac il karrieki Cavalier.

Meta il ŭiċċ daħkani ta' De Saqueville leħħ ġo moħħu, ŭiċċu tbergħen bħal scorfna, snienu isserraŭ, ingħasu bdeŭ ijħabbtu bħal tanbur, subgħajh iggrunċaŭ u xagħru kam donnu rizza billi ħass bħal marrara kalila, bħal mibegħda li tŭaħħax, bħal chilba ta' vendetta—lejh. Chienet għejra kaŭŭija, dic, il għejra ħarxa li tħoss kalb ta' żagħżuħ torc u ta' rsir meta tixgħel bl-imħabba għal mara li lejha ma jcollux biss il ħila jarfa għajneih, bla ma jirtogħod, għal darbtejn.

Carmena minn dan collu ma fehmet xejn;—il ŭiċċ sfajjar u imnicchet ta' missierha, it-tieka b'id-daŭl ta'l palazz tagħhom fejn kattgħet żgħużitha tant ħienja, il ħsieb t'oħtha u ta' ħuha imgħargħrin f'il bichi imħabba fiha, chienu b'iż-żejjed biex jimleŭlha moħħha; u jecc cull tant chienet tara lil De Saqueville mitluf jistenniha f'San Paŭl ta't-Tarġa biex ijgħannakha ma' ħdanu, katt ma chien jista jgħaddilha minn rasha li dic it-telfa ebira, belha, li tbiċċer, li chienet tistenna minnu chien kiegħed ijħossha dac l-imsejchen irsir li ma chellu l-ebda jedd li juriha lejn sidtu.

U biex tcompli, bla ma taf, ittertaklu kalbu staksietu:

—« Ħamid, indumu xejn ma naslu? Min jaf il Cavalier ŭasalx kbilna u kiegħed jistenniena?

Ħamid chien sejjer ijfur u ijgħidilha fejn chien De Saqueville, (iżda gietu ħniena minnha u ma riedx ijcattrilha l-ugiegħ ta' kalbha; kallha li chienu karrbu seŭŭa lejn il Mosta u li sa nofs siegħ'oħra chienu jaslu; iżda ġo moħħu chien ġa sammar ħsieb u li ma chellu l-ebda ħjel li jarġa l-ura minnu—dac li lil Carmena jeħodha band'oħra fejn għallankas ma jokgħodx ijbiċċer kalbu li jaraha titbeŭŭes u titgħannak ma'l Cavalier.

Ma'l Hachem, snin kabel, chien hemm kaddejja torca, iżda imgħammda, li chien jisimha Fatma u li chien ilha tant magħhom li m'hux biss rabbiet lil Ħamid u lil Carmena żgħar iżda saret tista tgħid maltija bħalna. Dina iżżeŭŭget u marret tokgħod f'Musulmet li dac iż-żmien chien irħajjel għalieħ ftit bogħod minn-Naxxar u fejn it-Toroc chienu jħobbu jgħammru ħafna fih flimchien.

Żeŭgha chien miet f'taktigħa ma't-Toroc li chienu telgħu jħarbtu dac l-irħajjel billi il Misilmin li chien fih chienu ċaħdu din in-Nibi, u għalhecc b'żeŭġ krameċ ma ŭiċċha bakgħet tgħix hemm tmidd għonkha għal cull ma jigi f'idejha biex ticseb il lokma ta' żakkha u ta' ħalk uliedha.

Dina lil Ħamid, billi trabba ma djulha u chien torc bħalha chienet tħobbu bla tarf, u dejjem meta chien ijcun jirgħa f'daŭc l-inħaŭi chien ijfettillu jmur jaraha xi ftit. Għaldakstant malajr għaddietlu hi minn ġo rasu u katagħha li għandu jieħu lil Carmena għandha biex jaħtafha m'id-dŭiefer ta'l Cavalier.

Għalhecc xiref rasu u kal lil Ġanni li jgħaddi minn Musulmet biex ijkarrbu u billi chien ankas straman.

Carmena meta semgħitu jgħidlu hecc, ferħet għaliex chellha mitt sena sa tasal biex ma tħallix jistenniha lil Cavalier.

Ħamid biex ma jaħsadhiex b'dic il bxara f'dakka, beda jżerżkilha il cliem b'il mod il mod billi kallha li aħjar jati dakka ta' għajn hu kabel jersku b'il caless ħdejn id-dar ta' S. Paŭl ta't-Tarġa, għaliex ŭisk chien jibża li ħuha Ambroġ ħalla lil xi ħadd għassa... li il kattusa għaġġelija tagħmel l-uliedha għomi... u li b'iż-żejjed chien mixgħuf li għa'x ma ħasibhiex b'iż-żejjed ħadha hu stess darb'oħra f'ħalk il lupu.

U meta Carmena kaltlu li hi ma rieditx tibka, f'dac id-dlam, ma' ta'l caless, tistennih ŭieħidha, kallha li hu ħaseb għal collox, li f'il kabda chienet tokgħod Fatma il kaddejja dic li rabbietha bħal bintha u li chien bi ħsiebu jħalliha fiit għandha sa chemm ijmur chissinchiss sa S. Paŭl ta't-Tarġa, uaħdu, biex jara giex il Cavalier u biex jitchixxef jecc setgħux jaħbtu difirhom ma' xi ħaġa imgħaŭŭġa.

Carmena tmeżmżet ftit għaliex chellha genn biex tasal S. Paŭl-ta't-Tarġa ħalli tfittex tgħannak lil Cavalier, li sgur chien kiegħed jitfettet fuk ix-xŭiec talli damu u għa'x ħaseb li ma' tul it-triek iltakgħu ma' xi saram; iżda rat li cull ma chien kiegħed jagħmel Ħamid chien collu b'il għakal għa'x jibża għaliha u għalhecc ma tathiex il kalb li tmerih.

*(Jissocta.)*

# CRONOLOGIJA TA' MALTA.

NOVEMBRU.

1—1762. Giet imbierca il Cnisja ta'l Għajn il Cbira.

2—1738. Dehret cometa li ŭaħħxet ħafna nies.

3—1837. Ħarget it-tariffa ta'd-Dŭana.

4—1800. Lil Captan ta'l Virga (il Ħachem) ġeddedulu il privileġġi tiegħu.

5—1123. Il Gvern iddecida jagħmel monument li'd-Dr: G. N. Zammit (Zammitellu).

6—1423. Laħak Gran Mastru Fra Gŭann de Lastich.

7—1532. Il Cavalieri ġeddedu id-drittijiet ta'l Maltin.

# IL LOGĦOB TA'L LOTTU.

Hi biċċa genn li ŭieħed jilgħab flusu f'il-Lottu għaliex fih il flus li tilgħab, jecc ma tirbaħx, jintilfu dejjem; iżda jecc tixtrihom TITOLI B'IL PREMJU, ma titlifx flusec u tista tieħupremju ta' GHOXRIN jeŭ GHAXAR T-ELEF LIRA. F'il Lottu trid tkiegħed flus m'il ġdid cull darba; iżda meta tixtri TITOLU B'IL PREMJU toħroġ flusec darba biss, u jecc ma tieħux premju darba tista tieħdu sa ħafna snin, igifieri sa chemm tarġa iddaħħal almenu il flus li tcun ħriġt bl-imgħax tagħhom. B'hecc tcun stajt irbaħt premji cbar bla ma tlift XEJN m'il but. Biss billi daŭna it-titoli huma ftit għaljin il « Cassa di Providenza e Risparmio» ta' Sda Forni, Nu 87, il Belt, tati ħames titoli differenti bi tmintax irbigħi f'ix-xahar, u titoli ta'l Panama b'il ħames xelini f'ix-xahar u tcunu tistgħu tieħdu il premji li jitilgħu m'il eŭŭel pagament. B'hecc tcunu kiegħdin tfaddlu ħames xelini f'ix-xahar, li joctru bl-imgħax u tista tieħu bihom premji cbar. Min irid jiftihem aħjar ijmur fejn semmejna.


# TEATRU MANOEL

IL ĦADD, 31 TA' OTTUBRU 1909

**LAHHAR RECITA BIL MALTI**

FILGHAXIJA — FIT-8 U NOFS

**CAVALLERIA**

VUDVILL — PARODIJA B'2 ATTI.

U

**L' AFRICANA**

OPERETTA B'ATT UIEHED—MUSICA TA CABALLERO.

IMPURTANTI!—Kabel ma ŭieħed jemmen li ma jcunx baka fit-Tiatru postijiet għal bejħ, għandu jinżel isaksi fil bottegħin ta li stess Tiatru.

Jiena tchellimt ma' ħafna morda li huma morda b'id-diabete u daŭc collha li użaŭ il

**FERMENTIN**

kaluli li ŭietihom ŭisk. L-aħjar Professuri ta'd-dinja, daŭc il professuri li ma jerħux certificat minn taħt idejhom jecc ma jcunx sguri minn dac li jgħidu faħħruh collha u ir-raccomandaŭh. Għala mela ma tippruvauħx intom ucoll?

Dar tajba għal żeŭġ familji għal chiri f'Ta's-Sliema, Pjazza Sant'Anna, 5, b'il gas u l-ilma, ħdejn il Laneċ. L-imfietaħ fi Sda It-Torri, 7; għal ftehim il Belt, Sda Mercanti, 89, D. ħdejn S. Dumincu.



Min hu marid bl-ANEMIJA (takar ta'd-demm) u jrid ijfiek F'GHOXRIN ġurnata jieħu

**L' ELIXIR TA' S. VINCENS DE PAOLI**

Is-Sur G. Muscat ŭara għaxar snin ugiegħ ta' ras kaŭŭi bla ma sata jfejku b'xejn ma't-tielet flixcun għaddielu collox. Is-Sur Rinaldu Perini ucoll fejjak l-ibnu, ma't-tieni flixcun, minn anemija kaŭŭija. Daŭna is-sinjuri ucoll li sejrin insemmu ippruvaŭh fukhom stess jeŭ fuk xi ħadd ieħor u ħarġu jiftaħru: Dr: Edward L. Vella; Dr: Paolo Sammut (Sliema); Prof: Dr: C. Sammut; Prof: Dr: G. O. Galea; Farm: C. Arpa; Farm: G. Gili; Prof: Dr: S. Grech; Onor: Dr: A. Pullicino; Dr: L. Albanese; Negte: G. Tagliaferro; G. Sultana; Ant: Diacono; Avv: Francesco Cardona u ħafna oħrajn.

Jinbigħ fl-ispiżżerija ta't-Tabib

**FABRIZ BORG.—Il Belt.**

267, STRADA REALE.

# GHA'N = NERVUSI!

Meta tħossoc għajjien, kalbec seŭda, nifsec maktugħ, bla rkad u bla aptit, tisħon għal xejn; meta tara collox icreħ, cullħadd jobogħdoc, collox imgħaŭŭeġ f'il ħajja u tibchi jeŭ tidħak għal xejn b'xejn ijcolloc dic il marda li jsejjħulha

**NEVRASTENIJA**

u jecc tasseŭ hemm medicina li tista tfejjakha jeŭ li tagħmillec ħafna gid hi

**L=ANTINEVROTICU**

TA'L

**Prof: DE GIOVANNI**

li chiteb l-isbaħ opra fuk dina il marda, u li giet imfaħħra ħafna m'il aħjar tobba ta'l Italja. Timbiegħ fi fliexchen għand

**l-Ispizzjar ALFREDO CUMBO**

ta' kuddiem il Club ta' Strada Rjali ta'l Belt.

IPPRUVAUHA! GID TISTA TAGHMEL BISS.

**Fl-Istitut ta's-Sur C. L. Borg**, ta' Strada Due Porte, 188-189 l-Isla jintgħata cors regolari ta'l-lingŭa ingliża, taljana, franciża, latina, ta'l Matematica u ta'l Cummerċ, ta'l Istorja, Calligrafija u Reliġjon.

Tridu tpejjpu sigarretti m'il aħjar u m'il orħos?
Ixtru is-sigarretti "Special" ta' Alfredo Caruana ta' Ta's-Sliema li jimbigħu f'il ħŭienet principali.
F'daŭna is-sigarretti hemm l-armi ta'l cunjomijiet.

**Min ijcun ijrid jircanta xi hag'a u jrid jitlakha f'idejn seuua b'garanzija talli jcollu bi flus kieghdin l-Anglo Egyptian Bank, u b'il ftehim li sa jumejn uara il bejgh ghandu jatic il flus, li jcunu dahlu f'idejc; u ma dana bi drittijiet l-actar moderati imur ghand**

# Is-Sur DIOMEDE AZZOPARDI

TA'

## STRADA RJALI, Nru: 10A. IL BELT,

**fejn ijsib ucoll ghal bejgh cull xorta ta' mobbli u fajjenzi, g'odda u seconda man, bi prezzijiet irhas tasseu.**

---

# Tè Ta Ceylon 'MARAVILLA'

IPPREMJAT B'GHAXAR MIDALJI
TAD-DEHEB
GHAL
KAUUA IT-TOGHMA U IS-SAFA TIEGHU
**JINBIEGH 1/6 & 1/8 IR-RATAL**
GHAND L'AGENTI F'MALTA




# C. CAMILLERI & SONS




## 50 STR. MERCANTI IL BELT

CAMPIUNI TA DAN IT-TÈ JINTGHATAU B'XEIN.

BL. BY FORMOSA.

**In-"Nahla" tistampa ruhha fl-Istamperija "EMPIRE PRESS" ta's-Sur Critien fi Strada Magazzini, Nru. 8, il Furjana fejn ijsir ucoll cull xorta ta' xoghol ta' stampa b'ir-rekka collha u bi prezzijiet irhas ferm.**